# MINUTI

Laqgħa b'urġenza Nru 53/2022-8

Il-Ġimgħa, 17 ta' Ġunju 2022

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fil-10.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI :

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

53.1 Talba

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini.

53.2 **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

53.3 **Sejħa għal Assistent Prinċipal u ħatra tal-bord t'evalwazzjoni**

Is-Sindku nfurmat lil membri illi wara l-laqgħa b'urġenza tal-bieraħ u wara li kien hemm qbil ma' l-Assistent Prinċipal li ser jinħadem in-*notice* din infurmat lil Kunsill li mhix ser taħdem in-*notice* u li hi bis-*sick leave* u tajba għax-xogħol it-Tnejn, 20 ta' Ġunju 2022 pero' mhix ser tkun qed taħdem iktar mal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ. Għaldaqstant l-aħħar ġurnata ta' xogħol tagħha hija s-Sibt, 18 ta' Ġunju 2022. Is-Sindku, Dr Marlene Cini infurmat lil membri li wara il-laqgħa b'urġenza tal-bieraħ intalab il-permess tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-Jobsplus fejn il-Kunsill ingħata l-permess sabiex joħroġ is-sejħa. Is-Sindku nfurmat lil membri li ħarġet is-sejħa interna u din ser tagħlaq il-Ħamis, 30 ta' Ġunju 2022.

Is-Sindku infurmat lil membri li minħabba l-esiġenzi tax-xogħol l-uffiċċju ta' Marsalforn ser jinżamm magħluq minħabba l-esiġenzi tax-xogħol. Kompliet tgħid illi sakemm jinħatar xi ħadd ieħor minflok, is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jiftaħ is-Sibtijiet waqt li l-Council Assistant ser ikun qed jiftaħ il-librerija.

Is-Sindku proponiet sabiex jinħatar bord sabiex meta tagħlaq is-sejħa ikunu jistgħu jsiru l-intervisti u għalhekk proponiet 3 membri tal-bord li huma W. Sultana, Avukat Magrin u s-Seg. Eżekuttiv tal-Kunsill tax-Xewkija waqt li s-Segretarja tal-Kunsill taż-Żebbuġ tkun is-Segretarja tal-bord. Il-Kunsillier Daniel Cordina u Baskal Saliba talbu sabiex il-Kunsilliera kollha jkunu membri tal-bord. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex bħala membri tal-Bord ikunu s-Sindku, Dr Marlene Cini, il-

Kunsillier Baskal Saliba, is-Sur W. Sultana, l-Avukat Magrin u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Xewkija waqt li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ, Odette Camilleri tkun is-Segretarja tal-Bord.

Il-laqgħa ntemmet fil-10.15 ta' filgħodu.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv